MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-28 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 283/1997/1

**Framegrip Limited**

**vs**

**F and A Quarries Limited u b'digriet tal-3 ta' Frar 1998 gew kjamati in kawza Paul Falzon u martu Anna Falzon**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta' attrici ppremettiet:-

Illi s-socjeta' konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamest elef mija u disgha u ghoxrin lira maltija (Lm5129) liema somma tirraprezenta bilanc mhux

imhallas minn prezz ta’ splussivi lilha mibjugha u kkonsenjata fuq talba tal-istess socjeta’ konvenuta kif jidher mill-istatement tas-socjeta’ attrici, hawn annessa bhala Dok A;

Illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u dovut u ghalkemm interpellata, anke ufficjalment, is-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti;

Illi fil-fehema tas-socjeta attrici is-socjeta konvenuta m’ghandhiex eccezzjoni valida x’taghti kontra din l-azzjoni;

Illi ghall-finijiet tal-artikolu mija u sittin (167) et sequitur tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili qieghed jigi hawn anness affidavit tar-rappresentant guridiku tas-socjeta attrici Joseph Abela u mmarkat bhal Dok B;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li s-socjeta’ konvenuta tghid ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, m’ghandhiex din il-Qorti:

tghaddi ghas-sentenza bid-dispenza tas-smiegh tal kawza a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodici tal-Orginazzazzjoni u Procedura Civili; u

tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma minnha dovuta ta’ hamest elef mija u disgha u ghoxrin lira maltija (Lm5129) liema somma tirraprezenta bilanc mhux imhallas minn prezz ta’ splussivi lilha mibjgha u konsenjati fuq talba tal-istess socjeta konvenuta;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 23 ta’ Dicembru 1996 u tal-mandat ta’ sekwestru datat 29 ta’ Jannar 1997, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta konvenuta li r-rappresenttanti guridici taghha gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn giet eccepita l-preskrizzjoni ai fini ta' l-artikolu 2149 tal-Kodici Civili; illi s-socjeta konvenuta ssostni li m'ghandha taghti xejn lis-socjeta attrici u dan tenendo kont li meta waqaf in-negozju dak dovut kien kollu saldjatu illi inoltre jekk se mai u in pessima ipotesi sar xi xoghol ulterjuri dan sar fuq inkarigu ta' terza' persuna minghajr awtorizzazzjoni tas-socjeta konvenuta u ghalhekk ghandu jirrispondi solament din il-persuna;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Frar 1998 minn fejn jirrizulta li s-socjeta konvenuta rtirat l-ewwel eccezzjoni taghha rigwardanti l-preskrizzjoni;

Rat id-digriet taghha tat-3 ta' Frar 1998 li bih gew kjamati fil-kawza Paul Falzon u martu Anna Falzon;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-kjamati fil-kawza fejn gie eccepit :

Illi t-talba attrici hija preskritta a tenur tal-artiklu 2156 tal-Kodici Civili;

Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess l-eccipjent ma ghandhom ebda relazzjoni guridika mas-socjeta attrici;

Rat id-dikjarazzjoni tal-kjamati in kawza debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat l-atti l-ohra kollha al-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda prodotti mill-partijiet u lill-kjamat fil-kawza;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjeta konvenuta;

Rat in-nota tal-ossewrvazzjonijiet tas-socjeta attrici;

Rat li bil-verbal tas-seduta tas-7 ta’ April 2003 il-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Fic-citazzjoni s-socjeta attrici Framegrip Limited qed titlob li s-socjeta konvenuta F & A Quarries Limited tigi kundannata thallas is-somma ta’ hamest elef mija u disgha u ghoxrin lira maltija (Lm5129) bilanc ta ammont akbar rappresentanti prezz ta’ splussivi lilha mibjughin u kkonsenjati;

Is-socjeta konvenuta teccepixxi l-preskrizzjoni skond il-provedimenti ta’ l-artikolu 2149 tal-Kodici Civili. Teccepixxi ukoll li m’ghandha taghti xejn lis-socjeta attrici stante li meta l-istess socjeta konvenuta waqfet in-negozju taghha dak kollu li kien dovut kien imhallas u jekk semmai sar xi xoghol ulterjuri dan sar fuq inkarigu ta’ terzi minghajr awtorizzazzjoni tas-socjeta konvenuta;

Is-socjeta konvenuta rtirat l-eccezzjoni taghha rigwardanti l-preskrizzjoni;

Il-kjamati fil-kawza Paul u Anna konjugi Falzon jeccepixxu li t-talba attrici hi preskritta ai termini tal-artiklu 2156 tal-Kodici Civili. Sussidjarjament jeccepixxu li huma ma ghandhom ebda relazzjoni guridika mas-socjeta attrici. Fid-dikjarazzjoni taghhom il-kjamati jispecifikaw li l-kjamat Paul Falzon, fiz-zmien rilevanti kien u ghadu direttur tas-socjeta konvenuta. Hu kien ukoll il-manager inkarigat mill-

barriera tas-socjeta konvenuta u kellu r-rapprezentanza tal-istess. Il-merkanzija in kwistjoni inxtrat mis-socjeta konvenuta ghall-barriera taghha waqt li l-istess barriera kienet gestita minnha;

Mill-provi prodotti jirrizulta illi l-esplossivi in kwestjoni gew kollha konsenjati fil-barriera tas-socjeta konvenuta li tinsab fil-limiti tal-Fawara u gew uzati fl-istess barriera. Il-kjamat fil-kawza, li kien direttur tas-socjeta konvenuta, kien jiehu hsieb il-gestjoni u t-tmexxija tal-barriera u ghalhekk generalment l-ordnijiet ghal dawn l-esplossivi kienu isiru mill-kjamat fil-kawza ghan-nom tal-istess socjeta konvenuta. In effett il-hlasijiet relativi generalment kienu jsiru b’cekkijiet tal-istess socjeta konvenuta. In effett is-socjeta attrici kkonfermat li l-kjamat fil-kawza qatt ma xtara splussivi f'ismu proprio u huwa kien dejjem jaghmel l-ordni f'isem is-socjeta konvenuta;

Is-socjeta attrici qatt ma giet intimata biex ma tfornix aktar splossivi lis-socjeta konvenuta u jekk saret tali ntimazzjoni din saret wara l-ahhar konsenja tal-esplossivi in kwestjoni. Is-socjeta konvenuta tallega li s-socjeta attrici kompliet tforni dawn l-esplossivi nonostante li kienet giet imwissija biex dan ma tkomplix taghmlu. Ma jirrizultax li tali twissija saret bil-miktub u lanqas ma jirrizulta sufficjentement pruvat li jekk saret din it-twissija saret qabel ma saru l-ahhar fornituri ta’ esplossivi;

Diversi diretturi tas-socjeta konvenuta ikkonfermaw li d-diretturi kollha tas-socjeta konvenuta, injkluz ghalhekk il-kjamat fil-kawza, kienu qabblu biss verbalment li mill-ahhar tal-1992 bidu tal-1993 li l-barriera tinbiegh u ghalhekk kellhom jigu limitati l-ispejjez relattivi. Kien hemm stock mhux hazin u ghalhekk ma kienx hemm ghalfejn li jintuza xi splussiv. F’dan ir-rigward pero’ l-kjamat fil-kawza xehed li hu minnu li kien gie deciz li l-barriera kienet ghal-bejgh pero’ jghid li lilu hadd ma qallu biex iwaqqaf il-produzzjoni tal-barriera, jew biex ma jixtrix aktar esplossivi. Fil-fatt il-barriera baqghet thaddem l-

istess impjegati u xorta baqghet tintuza l-“crusher”. Il-kjamat baqa jiehu l-istess paga. Fil-fatt il-process sabiex il-barriera tinbiegh ha hafna zmien. In effett l-ishma gew trasferiti permezz ta’ kuntratt ippubblikat min-Nutar Dr. Mario Bugeja fil-5 ta’ Jannar ta’ l-1995. Il-kjamat fil-kawza kien parti ta’ dan il-kuntratt qua xerrej;

It-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati fil-konfront tas-socjeta konvenuta;

In vista ta dawn ir-risultanzi l-eccezzjoni tal-kjamati fil-kawza dwar li ma hemmx relazzjoni guridika bejnhom u s-socjeta attrici ghandha tigi akkolta. Konsegwentement mhux il-kaz li tigi esaminata l-eccezzjoni l-ohra tal-kjamati fil-kawza dwar il-preskrizzjoni. Dejjem in vista tal-imsemmija rizultanzi l-ecezzjonijiet li fadal tas-socjeta konvenuta ghandhom jigu respinti u konsegwentement it-talbiet attrici gfhandhom jigu akkolti kontra l-istess socjeta konvenuta;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tilqa l-eccezzjoni tal-kjamati fil-kawza dwar li ma hemmx relazzjoni guridika bejn il-kjamati fil-kawza u s-socjeta attrici u b’hekk it-talbiet attrici qed jigu michuda fil-konfront tal-kjamati fil-kawza; billi fit-tieni lok tichad l-eccezzjonijiet kollha li fadal tas-socjeta konvenuta u konsegwentement tilqa t-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta konvenuta u b’hekk tikkundanna s-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ hamest elef mija u disgha u ghoxrin lira maltija (Lm5129) liema somma tirraprezenta bilanc mhux imhallas minn prezz ta’ splussivi lilha mibjgha u konsenjati u dana bl-

imghaxxijiet kollha relattivi mid-data ta’ kull konsenja sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra s-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------